



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

9671/18

COPEN 180
CATS 39
EUROJUST 63
EJN 22

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	4 ta' Ġunju 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	9005/18
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali 2017 tal-Eurojust - Konklużjonijiet tal-Kunsill (4 ta' Ġunju 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali 2017 tal-Eurojust, adottati mill-Kunsill fit-3622 laqgħa tiegħu tal-4 ta' Ġunju 2018.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IR-RAPPORT ANNWALI 2017 TAL-
EUROJUST****IL-KUNSILL ADOTTA L-KONKLUŻJONIJIET LI ĠEJJIN:**

1. Il-Kunsill jilqa' r-rapport annwali 2017 tal-Eurojust, u l-progress ġenerali li sar mill-Eurojust fit-twettiq tal-missjoni tagħha bħala attur ewlieni fil-faċilitazzjoni u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-awtoritajiet nazzjonali fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-aktar forom serji ta' kriminalità transfruntiera, fosthom it-terroriżmu.
2. Il-Eurojust hija mħeġġa tkompli tibni u tikkonsolida s-sħubija tagħha mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha abbażi ta' approċċ li jinkludi diversi aġenziji, bil-ħsieb li tagħti kontribut għall-iżvilupp ulterjuri ta' spazju Ewropew ta' ġustizzja u sigurtà, fejn id-drittijiet u s-sigurtà taċ-ċittadini jkunu ggarantiti.
3. Bil-ħsieb li jittejjeb ir-rispons ġudizzjarju fir-rigward tat-theddid għas-sigurtà li qed jevolvi u l-isfidi li jaffettwaw is-sigurtà tal-Unjoni Ewropea, il-Eurojust hija mħeġġa tkompli tiżviluppa l-istruttura u l-metodi ta' ħidma tagħha, kif ukoll il-miri u l-attivitajiet strateġiċi u operazzjonali tagħha, kif deskritt hawn taħt.
4. Filwaqt li huwa rikonoxxut li l-qofol tal-ħidma tal-Eurojust huwa, u hekk għandu jkun, l-appoġġ li tagħti f'każijiet partikolari ta' kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali, fil-kuntest tal-allokazzjonijiet baġitarji, għandhom jingħataw mezzi finanzjarji u riżorsi personali adegwati lill-Eurojust bl-għan li jiġi żgurat it-tħaddim xieraq tagħha u għall-iżvilupp tal-attivitajiet strateġiċi u operazzjonali kollha msemmija hawn taħt.

I. L ISTRUTTURA U L-METODI TA' ĦIDMA TAL-EUROJUST

F'dan il-qafas, il-Eurojust għandha:

5. tkompli tiffaċilita u tippromwovi użu akbar tal-laqgħat ta' Koordinazzjoni u ċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni bbażati fuq il-kapaċità teknika u loġistika msaħħa offruta mill-bini l-ġdid tal-Eurojust, bħala għodod effettivi ferm għal azzjonijiet konġunti multilaterali kkoordinati fuq skala kbira, imfassla biex jegħlbu b'mod rapidu d-diffikultajiet legali u prattiċi li jiltaqgħu magħhom l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-kooperazzjoni ġudizzjarja transnazzjonali f'materji kriminali;
6. tiffaċilita u tippromovi l-użu effettiv u estensiv ta' strumenti oħra ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u ta' rikonoxximent reċiproku, bħall-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea (OIE), li għandha l-għan li tiffaċilita t-twettiq ta' miżuri ta' investigazzjoni li jeħtieġu l-ġbir ta' evidenza f'każijiet transfruntiera, u tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali fl-eżekuzzjoni ta' malajr u rapida tal-OIE;
7. tkompli tippromwovi, tiffaċilita, tistabbilixxi u tiffinanzja l-użu ta' Skwadri ta' Investigazzjoni Konġunti (JITs), filwaqt li tibni fuq l-esperjenza u l-għarfien espert uniċi u r-risorsi disponibbli permezz tas-Segretarjat tan-Netwerk tal-JITs ospitat mill-Eurojust, u bil-ħsieb li jibqa' jkun hemm involviment akbar ta' Stati terzi fil-JITs;
8. tibni fuq is-sejbiet tal-analiżi teknika u funzjonali ta' livell għoli tal-funzjonalitajiet eżistenti u t-titjib possibbli tas-Sistema ta' Ġestjoni ta' Każijiet (CMS), kif ukoll fuq ir-risultati tar-rieżami msaħħa tal-kwalità tad-data, u tkompli ttejjeb l-iskambju tal-informazzjoni mal-Istati Membri u fosthom;

9. issaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha li żżomm l-għarfien prattiku u legali li jirriżulta mill-każijiet tagħha bil-ħsieb li tkompli tiżviluppa r-rwol konsultattiv tagħha u tkompli tagħti opinjonijiet u prodotti oħra fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja għall-użu ta' dawk li jaħdmu fil-qasam, bħall-ġhadd kbir ta' rapporti dwar il-każijiet, il-linji gwida, in-noti u dokumenti rilevanti oħrajn li ġew ippubblikati reċentement;
10. tuża dejjem aktar ir-rakkomandazzjonijiet konġunti li jiġu ppreżentati mill-Membri Nazzjonali differenti involuti – fi ħdan il-qafas ta' każ tal-Eurojust – lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rispettivi tagħhom fir-rigward tal-azzjonijiet elenkati fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Eurojust;
11. tkompli tospita lis-Segretarjati tan-Netwerk għall-Ġenoċidju u tan-Netwerk tal-JITs u tan-Netwerk Ġudizzjarju_Ewropew (NĠE) u tappoġġa l-attivitajiet u l-laqgħat tagħhom;
12. tkompli taħdem mill-qrib mal-istituzzjonijiet u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, u tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni u s-sinerġiji magħhom, b'mod partikolari:
 - mal-Frontex, b'kont meħud tal-qafas legali l-ġdid tagħha;
 - mal-Europol, bil-ħsieb ta' relazzjonijiet operazzjonali aktar mill-qrib u skambju aħjar tal-informazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-Espert Nazzjonali Sekondar tal-Eurojust għaċ-Ċiberkriminalità stazzjonat fiċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3) bbażat fil-Europol u r-rappreżentant tal-Eurojust li għadu kif inħatar għaċ-Ċentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (ECTC) tal-Europol;
13. tkompli tiżviluppa aktar ir-relazzjonijiet esterni tal-Eurojust, filwaqt li tibni fuq il-kisbiet pożittivi tal-2017, sena li rat żieda fl-ġhadd ta' każijiet irreġistrati għand il-Eurojust mill-Prosekuturi ta' Kollegament ta' pajjiżi terzi, l-istazzjonament ta' Prosekutur ta' Kollegament ġdid mill-Montenegro, id-dħul fis-seħħ tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-Montenegro u l-Ukrajna u t-tkabbir tan-netwerk tal-punti ta' kuntatt ġudizzjarji tal-Eurojust f'pajjiżi terzi;

14. timplimenta l-Ittra ta' Qbil konkluża reċentement bejn il-Eurojust u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), bil-ħsieb li jkompli jsaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tagħhom u jżidu l-iskambju ta' informazzjoni strateġika bejniethom, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ġustizzja kriminali, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, iċ-ċiberkriminalità, il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin;
15. tkompli tippromwovi l-valur miżjud tar-rwol tagħha, li huwa ppruvat biż-żieda ulterjuri tal-każijiet tagħha inġenerali, billi tiffoka prinċipalment fuq każijiet kumplessi li jinvolvu diversi Stati Membri jew ukoll Stati terzi u billi twettaq inizzjattivi ta' sensibilizzazzjoni mmirati biex ikompli jżidu l-għarfien u l-użu tas-servizzi tagħha minn dawk li jaħdmu fil-qasam;
16. tkompli tikkontribwixxi għall-azzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE, b'mod partikolari għall-Pjanijiet Strateġiċi Pluriennali (MASPs) u l-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali (OAPs), kif ukoll tikkontribwixxi b'mod aktar attiv għall-ħidma tal-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna (COSI);
17. tkompli bl-isforzi tagħha biex tissimplifika l-istrutturi tal-ħidma u l-prattiki interni tagħha, abbażi tar-riżultati pożittivi tar-riorganizzazzjoni reċenti tal-istruttura u l-proċessi tagħha, filwaqt li tistenna li jsiru l-bidliet strutturali fis-sistema ta' governanza tagħha previsti fl-abbozz ta' Regolament dwar il-Eurojust, li bħalissa qiegħed fl-istadju finali avvanzat ta' negozjar, u biex tħejji għall-kooperazzjoni mill-qrib fil-futur tal-Eurojust mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), li ser tiġi regolata permezz ta' arranġament ta' ħidma.

II. IL- MIRI U L-ATTIVITAJIET STRATEĠIĊI U OPERAZZJONALI TAL-EUROJUST

18. F'dan l-isfond, il-Eurojust issimplifikat il-miri u l-attivitajiet strateġiċi u operazzjonali tagħha, u għandha tkompli tallinjahom mal-prijoritajiet stabbiliti:
- mill-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà;
 - mill-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-UE 2015-2020;
 - mill-Aġenda Ewropea dwar il-migrazzjoni;
 - mill-prijoritajiet tal-Kunsill għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u serja għall-2018 - 2021 fil-qafas taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE.
19. Il-Eurojust wettqet diversi attivitajiet fl-oqsma ta' kriminalità li ġejjin, li għandha tkompli tindirizza bħala kwistjoni ta' prijetà, billi tappoġġa l-kooperazzjoni operazzjonali, b'mod partikolari fil-qasam ta':
- a) It-terroriżmu, b'mod partikolari:
- billi tippromwovi kooperazzjoni aktar effiċjenti u effikaċi fost l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri f'każijiet ta' terroriżmu transfruntier, b'mod partikolari billi tappoġġa skambju ta' informazzjoni aħjar u fil-ħin u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki;
 - billi f'dak il-kuntest, u bil-ħsieb ta' rispons adegwat u kkoordinat, tuża l-ġhodod disponibbli kollha, bħall-JITs, f'għadd akbar ta' każijiet ta' terroriżmu u l-Moniter tal-Kundanni Kontra t-Terroriżmu (TCM), li jipprovdi lil dawk li jaħdmu fil-qasam b'perspettiva ġenerali u analiżi tal-każijiet marbuta mat-terroriżmu;

- billi tkompli tiffoka l-ħidma strateġika tagħha fuq l-evoluzzjoni tar-rispons u l-analiżi tal-ġustizzja kriminali għal kwistjonijiet marbuta mat-terroriżmu, bħal ma għamlet reċentement bil-ħames rapport tagħha "Foreign Fighters: Eurojust views on the phenomenon and the Criminal Justice response" (Il-Ġellieda Barranin: fehmiet tal-Eurojust fuq dan il-fenomeno u r-rispons tal-Ġustizzja Kriminali), li jkopri wkoll il-kwistjoni tar-radikalizzazzjoni;
 - billi tkompli timmonitorja u tanalizza l-iżviluppi u x-xejriet fil-qafas legiſlattiv u fil-każistika tal-Iſtati Membri, inkluż dawk marbuta mal-alternattivi għad-detenzjoni, bil-ħsieb li r-rispons ġudizzjarju jiġi adattat għall-iſfidi li qed jevolvu f'dan il-qasam.
- b) It-Traffikar tal-Bnedmin (THB), b'mod partikolari:
- billi tkompli tipprovdi assistenza lill-awtoritajiet kompetenti tal-Iſtati Membri fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' għadd akbar ta' każijiet THB transfruntier, filwaqt li tiffoka b'mod partikolari fuq l-iſfidi identifikati fir-Rapport ta' Evalwazzjoni Finali tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Eurojust kontra t-THB 2012-2016;
 - billi tippromwovi użu akbar ta' JITS f'każijiet ta' THB;
 - billi twettaq attivitajiet strateġiċi bi ſhab mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-Koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar u l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC), bil-ħsieb li tittejjeb l-effikaċja tal-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam.
- c) Il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti b'mod partikolari:
- billi tkompli tipprovdi assistenza lill-Iſtati Membri biex jindirizzaw dan il-fenomeno kriminali dejjem jiżdied, u b'mod partikolari l-abbiltà tagħhom li jżarmaw u jħarrku Gruppi tal-Kriminalità Organizzata (OCGs);

- billi tiżgura segwitu u kooperazzjoni ġudizzjarji fil-livell tal-UE f'dan il-qasam;
- billi tappoġġa l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tal-Hotspots permezz tal-Uffiċċji nazzjonali tagħhom;
- billi ssaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali tagħha mal-Europol billi taħdem flimkien mal-"Proġett ta' Analiżi dwar il-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti" tagħha, kif ukoll tesplora l-possibbiltajiet biex ikomplu jiġu żviluppati relazzjonijiet operazzjonali mill-qrib maċ-Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti (EMSC) ibbażat fi ħdan il-Europol;
- billi twettaq attivitajiet strateġiċi bi sħab mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-Forza Navali mmexxija mill-Unjoni Ewropea - Mediterran (EUNAVFOR MED) u missjonijiet u operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), bil-ħsieb li tittejjeb l-effikaċja tal-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam;
- billi tkompli twettaq analiżijiet skont il-każ u tiżviluppa għodod biex daww li jaħdmu fil-qasam jittrattaw każijiet ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti.

d) Iċ-Ċiberkriminalità, b'mod partikolari:

- billi tkompli tappoġġa l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-effikaċja tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' reati relatati maċ-ċibernetika u bl-użu tal-internet;
- billi tippromwovi l-użu ta' JITs f'każijiet ta' ċiberkriminalità;
- billi tippromwovi l-użu tal-Moniter Ġudizzjarju dwar iċ-Ċiberkriminalità (CJM), li jappoġġa lil daww li jaħdmu fil-qasam f'każijiet ta' ċiberkriminalità u sfidi relatati;

- billi tipparteċipa fl-attivitajiet tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew kontra ċ-Ċiberkriminalità (EJCN) u tappoġġahom b'mod attiv, inkluż billi tiffinanzja, tospita, u torganizza fis-sede tagħha ż-żewġ laqgħat plenarji tagħha kull sena;
- billi tkompli tindirizza kwistjonijiet legali u prattiċi fil-qasam ta' ċiberkriminalità u ssegwi l-iżviluppi fihom u tagħti pariri dwarhom, b'mod partikolari fl-oqsma tal-kriptaġġ, iż-żamma ta' data, investigazzjonijiet dwar id-Darknet u l-evidenza-e, bil-ħsieb ta' ġustizzja kriminali aħjar fiċ-ċiberspazju.
